MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Rikors Numru. 274/2011

**A B**
**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi il-partijiet izzewgu fl-4 ta' Lulju 1971 liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u iggib in-numru 1493/1971 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett titfal ilkoll maggorenni;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta` kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Robert John Muscat tal-15 ta' Dicembru 2003 Dok A;

3. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi skond l-kuntratt hawn fuq citat (Ara Dok. A Artikolu 2) l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu u jircievu mantenmiment minghand xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi ghalkemm hi ma tridx divorzju jew temm taz-zwieg de quo, hija tirrimetti ruhha ghal dak li tghid il-ligi;
2. Illi ghal kull buon fini tiddikjara li l-elementi kollha li jrid l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili huma sodisfatti u dana ghaliex :
a) il-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal dawn l-ahhar 29 sena;
b) il-partijiet kienu irrinunzjaw ghall-manteniment ghal xulxin u l-ulied kollha ghandhom l-eta maggorenni;
c) m'hemmx possibilta' reali li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw;
3. Illi l-esponenti tipprotesta ghall-kap tal-ispejjez u tiddikjara li semmai l-ispejjez ghandhom ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti u semghet lill-intimata tixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-15 ta' Dicembru 2003;

Illi gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt illi jitolbu / jew jircievu manteniment minghand xulxin u illi uliedhom huwa ilkoll maggorenni.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u qeghda tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------